# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

**Illum 23 ta' Novembru 2021**

Appell numru 359/2021

**Il-Pulizija**
**vs.**
**Manuel GOUDER**

Il-Qorti rat is-segwenti :

## A. L-IMPUTAZZJONIJIET

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar id-29 ta' Settembru 2021 fil-konfront ta' Manuel GOUDER (detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 558588M) li ġie mixli talli fil-Gżejjer Maltin għax-xahar ta' Marzu tas-sena 2020, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas milli jagħti lil Yasmine Grima hekk iffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bħala manteniment għaliha u/jew għall-ulied fi żmien ħmistax -il jum minn dak -il jum li fih, skont l-ordni jew dak il-kuntratt ikollha titħallas is-somma.

## B. IS-SENTENZA APPELLATA

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, sabet lill-appellant

GOUDER ħati tal-imputazzjoniji miġjuba fil-konfront tiegħu u kkundannatu **xahar detenzjoni**.

## C. L-APPELL INTERPOST

3. Illi l-appellant GOUDER appella minn din is-sentenza fejn talab lil Qorti sabiex tirrevoka s-sentenza appellata u tilliberah minn kull ħtija u piena u dan wara li stqarr is-segwenti:

> 1.Fl-istess seduta kien hemm 15-il kawza. Digrieti gew presentati f'zewg kawzi biss. Fl-ohrajn ma gie inserit l-ebda digriet. Kif jidher manifest ma kien hemm l-ebda kopja legali tad-digriet fil-process. Imma l-Qorti ghaliha kienu haga wahda u ghaqqdithom fdaqqa bhala kollha sorretti miz-zewg kopji legali ta' zewg digrieti. Il-gurisprudenza trid li jkun hemm il-prova bid-digriet b'kopja legali. Dan ma sarx.
>
> 2. Imma mbaghad l-ewwel Onorabbli Qorti naqset li tapplika l-artiklu 18 ta'l-Kodici Kriminali li jghid " 18. Meta d-diversi atti maghmulin mill-hati, ukoll jekk fi zminijiet differenti, ikunu jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, dawn l-atti jitqiesu bhala reat wiehed, imsejjah reat kontinwat, izda l-piena tista' tizdied minn grad sa zewg gradi" Dana ma jistax jiddependi fuq jekk il-prosekuzzjoni tghaqqadx 1-akkuza fuq karta wahda jew tisseparahom. Ir-reat kontinwat tistabillieh il-qorti u mhux il-prosekuzzjoni. Kien hemm l-elementi kollha legali tal-kontinwat l ima giex applikat.
>
> 3.Dwar il-piena. Il-piena hija gravuza, specjalment tenut kont li kien hemm dawk il-kawzi kollha u fkollha inghatat sentenza karcerarja.

## D. IL-KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

### Ikkunsidrat

4. Illi nhar il-25 t'April 2020, Yasmine Grima irraportat ġewwa l-Għassa tal-Belt Valletta li missier il-wild tagħhom ċjoe Manuel GOUDER naqas milli jħallas il-manteniment dovut lilha ta' Ewro 350 għax-xahar ta' Marzu ta' dik is-sena u in sostenn għar-rapport tagħha hija preżentat digriet bin-numru 104/2019AGV maħruġ minn Qorti ta' Ġurisdizzjoni Ċivili. Hija sostniet li GOUDER kien hekk ordnat iħallas lilha u lil binhom il-manteniment b'digriet tal-Qorti kompetenti.

**Ikkunsidrat**

5. Illi a fol 13 tal-atti jirriżulta li hemm fotokopja ta' digriet datat 14 ta' Jannar 2020 maħruġ mill-Qorti tal-Familja li jġib in-numru 104/2019 AGV markata Dok YG2. Din il-fotokopja mhix awtentikata iżda tidher li hi fotokopja tal-kopja awtentika li ġiet inserita fl-atti tal-appell numru 351 tal-2021 relattivament għall-proċedura li quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kienet il-kawża numru 3 bin-numru tar-referenza MAC-00589-2019-9. Huwa minnu li l-Prosekuzzjoni għażlet li tmexxi kontra l-appellant b'ammont ta' kawżi separati li ġew mismugħa f'seduta unika. Huwa minnu wkoll li kien biss fil-proċess li jifforma l-appell numru 351 tal-2021 li hemm kopja awtentika tad-digriet relattiv. Fil-kumplament tal-proċessi li jifformaw parti mill-kumplament tal-ħmistax il-kawża imsemmija mill-appellant fl-appell tiegħu ma jirriżultax li hemm kopji awtentiċi tad-digrieti de quo.

6. Mill-banda l-oħra mill-verbal a fol 5 jirriżulta li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) semgħet lil Yasmine Grima tixhed viva voce u rat ukoll li ppreżentat id-dokumenti relattivi markati bħala Dok YG1 u YG2, li kif intqal l-oriġinal tagħhom ġew eżebiti fl-appell numru 351 tal-2021. Kif jgħid l-appellant, matul is-seduta tad-29 ta' Settembru 2021 il-Qorti tal-Maġistrati kienet adita sabiex tisma' il-ħmistax il-każ imsemmija. Din il-Qorti rat li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma vverbalizzatx fl-atti li dawn il-kawżi kienu qegħdin jinstemgħu kontestwalment u li l-provi fil-kawżi kellhom ikunu komuni għalihom kollha. L-anqas ġie verbalizzat li l-parte civile kienet qegħda tippreżenta l-kopji awtentikati tad-digrieti de quo animo ritirandi. Jidher li l-parte civile xehdet darba waħda u preżentat kopja waħda taż-żewġt digrieti de quo u li ġew inseriti fil-proċess tal-appell numru 351 tal-2021 – anke jekk għall-fini ta' dak il-proċess wieħed biss minn dawk id-digrieti kien rilevanti għall-fini ta' dik il-kawża. Jirriżulta imbagħad li fotokopja ta' dawk id-digrieti ġew inseriti fl-atti tal-każijiet l-oħra. Il-verbal tas-seduti quddiem dik il-Qorti huma pratikament identiċi f'kull waħda minn dawn il-kawżi.

7. Iżda matul il-kors tal-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jirriżulta li l-appellant kien preżenti għas-seduta tad-29 ta' Settembru 2021 u huwa kien debitament assistit mill-Avukat tal-fiduċja tiegħu. Il-proċedura tmexxiet quddiemu u kien ċar għalih kemm li l-parte civile xehdet darba waħda kif ukoll li ppreżentat sett wieħed taż-żewġt digrieti kif debitament awtentikati. Dan huwa setgħa jarah

quddiem għajnejh u jisimgħu b'widnejh. Ma jirriżultax li d-Difiża qajmet xi oġġezzjoni jew opposizzjoni għall-fatt li l-parte civile eżebiet kopja awtentika waħda ta' dawk iż-żewġt digrieti u li ġew użati bħala l-prova dokumentarja tad-digrieti de quo għall-fini tal-proċeduri l-oħra kollha; jew għall-fatt li ma jidherx li hija xehdet ħmistax il-darba, iżda, verosimilment xehdet darba waħda dwar il-fatt li hija ma ġietx debitament mogħtija l-manteniment dovut għall-perjodi rilevanti tal-akkużi rispettivi.

8. Illi dan il-modus operandi juri li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta), għalkemm ma vverbalizzatx espressament – kif kien definittivament konsiljabbli li tagħmel – li dawn il-kawżi kienu qegħdin jinstemgħu kontestwalment u li l-provi fil-kawża numru 3 bin-numru tar-referenza MAC-00589-2019-9 kellhom ikunu komuni għall-kawżi kollha miġjuba kontra l-imputat f'dik il-kawża (appellant f'din), effettivament jirriżulta li dik kienet il-posizzjoni proċedurali taċitament adottata minnha mingħajr ma din il-posizzjoni proċedurali taċita sabet l-opposizzjoni tad-Difiża seduta stante. Id-Difiża kellha l-jedd li tipprotesta għal dak il-modus operandi in limine, iżda dan ma jirriżultax li sar għajr ħlief issa fi stadju t'appell.

9. Għalhekk huwa bil-wisq konsiljabbli għall-Qorti tal-Maġistrati li tivverbalizza fl-atti l-mod kif tkun qed tirregola l-proċedura tagħha sabiex jiġu evitati inċidenti fi stadji ulterjuri tal-proċeduri – b'mod partikolari meta quddiemha ma jkunux tqajmu tali inċidenti proċedurali. Iżda mill-banda l-oħra din il-Qorti ma tistax tinjora l-fatt li fis-sentenza tagħha l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) stess issostni mhux biss li l-parte civile xehdet viva voce quddiemha u kkonfermat il-pretensjonijiet tagħha bil-ġurament, iżda wkoll kemm li preżentat kopja tad-digrieti de quo, kif ukoll tal-fatt li dak in-nuqqas ta' ħlas reklamat mill-parte civile ma ġiex miċħud mill-imputat appellant quddiem dik il-Qorti.

10. Minbarra dan, din il-Qorti setgħet tosserva wkoll skont dak verbalizzat fis-seduta tat-23 ta' Novembru 2021 li l-appellant, fil-mori tal-proċeduri ħallas l-ammonti kollha dovuti minnu f'manteniment għall-perjodi in kwistjoni rilevanti għal din il-kawża.

11. Għalhekk dan l-aggravju qiegħed jiġi miċħud.

**Ikkunsidrat**

12. Illi f’dan il-każ il-Prosekuzzjoni ma kwalifikatx ir-reat kontestat lill-imputat appellant bħala reat kontiwat in kwantu trattasi t’imputazzjoni marbuta max-xahar ta’ Marzu 2020 biss. Iżda fi kwalunkwe każ, skont l-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Joseph Galea deċiż** fit-3 ta’ Novembru 1995, anke fejn il-Prosekuzzjoni :

> Jekk il-prosekuzzjoni ma tkunx ikkontemplat diversi infrazzjonijiet bhala reat kontinwat u gabithom kollha fl-istess kawza bhala tali reat kontinwat, il-Qorti necessarjament trid taghti sentenza separata f'kull kawza ossia ghal kull infrazzjoni jew ghall-infrazzjonijiet migjuba f'dik il-kawza. Il-Qorti ma tistax tordna li diversi processi jigu inkorporati fi process wiehed jew f'sentenza wahda. L-uniku rimedju li tipprospetta l-ligi hu li jekk il-Qorti tara li d-diversi infrazzjonijiet f'kawzi separati kellhom jigu ttratati bhala reat kontinwat f'kawza wahda, il-Qorti ghandha timmodera u tadegwa l-piena ghac-cirkostanzi.

13. B’hekk dan l-aggravju wkoll qed jiġi miċħud.

**Ikkunsidat**

14. L-aħħar aggravju huwa dak relattiv għall-piena inflitta mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) in kwantu l-appellant jikkontendi li din il-piena kienet sproporzjonata maċ-ċirkostanzi ta’ dan il-każ.

15. In kwantu għall-piena inflitta mill-Qorti tal-Maġistrati, huwa prinċipju ormai stabbilt li f’materja ta’ appell minn piena, sabiex Qorti tal-Appell tibdel il-piena li tkun erogat l-ewwel Qorti, dan tagħmlu biss fl-eventwalita’ li jirriżultalha li tali piena tkun żbaljata fil-prinċipju jew manifestament eċċessiva. Hekk ġie mistqarr mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek** deċiża nhar il-25 t’Awissu 2005:

> It is clear that the first Court took into account all the mitigating as well as the aggravating circumstances of the case, and therefore the punishment awarded is neither wrong in principle nor manifestly excessive, even when taking into account the second and third grounds of appeal of appellant Melek. As is stated in Blackstone’s Criminal Practice 2004 (supra):
>
> “The phrase ‘wrong in principle or manifestly excessive’ has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal’s general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he

was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will...be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to individual judges' (emphasis added). Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: '...that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle." Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."[2]

This is also the position that has been consistently taken by this Court, both in its superior as well as in its inferior jurisdiction.

16. Mill-banda l-oħra din il-Qorti trid tagħmel l-evalwazzjoni tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva meta wieħed jieħu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha. Kif intqal aktar il-fuq fl-appell **Kandemir** u li ġie wkoll imbagħad ribadit fl-appell superjuri **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Marco Zarb**, deċiża nhar il-15 ta' Diċembru 2005, din il-Qorti bħala Qorti ta' appell ma tiddisturbax is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-ewwel istanza sempliċiment għaliex kienet tippreskrivi piena li kienet għola minn dik li din il-Qorti kif komposta kienet kieku tagħti kieku kienet hi li qegħda teroga l-piena. Biex l-appell jirnexxi, kien meħtieġ li l-appellant juri li l-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati kienet toħroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli għall-każ. Din il-Qorti ma tinterferix ma pieni li ma jkunux jidhru li huma żbaljati fil-prinċipju, għalkemm ikunu jidhru li huma pieni ħorox għal xi Ġudikanti.

17. Biex piena mogħtija minn Qorti tal-Ewwel Istanza tkun tista' tiġi mibdula jrid jiġi pruvat li kien hemm xi żball fil-prinċipju wara l-emanazzjoni ta' dik il-piena. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-Ingilterra żviluppat ukoll il-kunċett ta' sindakabilita tal-piena tal-Qorti tal-Ewwel Istanza fil-każ li din tkun eċċessiva jew manifestament eċċessiva. Biss dan ma jfissirx li sempliċiment għax sentenza tkun tidher li hija fuq in-naħa aktar severa din tkun tissodisfa dan it-test tal-eċċessivita jew eċċessivita manifesta. Anzi dik il-Qorti ttenni li appell fuq tali

piena jkun jista' jiġi milqugħ jekk jirriżulta li s-sentenza tkun barra l-parametri tal-piena li tkun applikabbli għall-offiża in kwistjoni u għaċ-ċirkostanzi tal-ħati u mhux għaliex tkun piena li tkun għola minn dik li kieku l-Qorti tal-Appell kienet teroga għall-każ in kwistjoni.

18. Dawn il-prinċipji ġew ukoll imħadnin minn din il-Qorti, kolleġjalment komposta fis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs Carmen Butler et** deċiża nhar is-26 ta' Frar 2009 fejn ġie mistqarr ukoll is-segwenti:

> 8. Fil-verita`, dawn il-principji huma rifless tal-principju l-iehor li meta jkun hemm sentenza li tigi appellata mill-hati, il-Qorti tal-Appell Kriminali, bhala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-ewwel qorti sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirrizultax li l-ewwel qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal-kaz (u anke, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza ta' l-ewwel qorti) li kien jincidi b'mod partikolari fuq il- piena. S'intendi, kif diga` nghad, "sentencing is an art rather than a science" u wiehed ma jistax jippretendi xi precizjoni matematika jew identita` perfetta fit-tqabbil tal- fatti ta' kaz ma' iehor jew tal-piena erogata f'kaz ma' dik erogata f'kaz iehor.

19. Il-ġurisprudenza prevalenti f'dan il-kuntest, tgħallem li meta Qorti tiġi biex teroga piena trid tieħu kont taċ-ċirkostanzi kollha li jsawru l-każ, jiġifieri dawk tal-vitmi, l-interessi tal-komunita kollha kemm hi, kif ukoll dawk tal-ħati. F'dan is-sens, kemm il-ġurisprudenza lokali kif ukoll dik Ingliża tistabbilixxi li fl-eżerċiżżju ta' reviżjoni imħolli lilha, il-Qorti tal-Appell Kriminali trid tistħarreġ appell fuq il-piena inflitta kemm billi tqis iċ-ċirkostanzi kollha prevalenti li l-Qorti tal-Ewwel Istanza setgħet kienet f'qagħda li tara, kif ukoll, skont kif imsemmi fis-sentenza **Butler** tqis anke, possibilment, lil xi ċirkostanza sussegwenti għas-sentenza ta' l-ewwel qorti.

20. Illi dan ir-reat jinsab f'Taqsima Tlieta tal-Kodiċi Kriminali, taħt is-sub-titolu numru wieħed f'dik is-sezzjoni li titratta l-kontravenzjonijiet li huma ta' ordni pubbliku, u l-piena relattiva hija, skont l-Artikolu 7(2) tal-imsemmi Kodiċi :

a) Id-detenzjoni,
b) L-ammenda,
c) Iċ-ċanfira jew it-twiddiba.

21. Irriżulta li fil-mori tal-appell kien hemm bdil fiċ-ċirkostanzi ta' bejn il-partijiet, billi l-appellant ħallas għal kollox l-ammonti kollha dovuti minnu f'manteniment in konnessjoni ma dan il-każ. Dan huwa

pass pożittiv li juri li l-appellant, anke jekk tardivament, spiċċa biex wettaq dak li kien ordnat mill-Qorti li jagħmel. Irid issa jżommha f'moħħu li skont ġurisprudenza kostanti l-ordnijiet tal-Qrati jridu jiġu osservati skrupolożament u mhux ammessi u permessi tentennamenti fit-twettieq tal-ordnijiet tagħhom. Mill-banda l-oħra tali ħlas tardiv jista' jittieħed in konsiderazzjoni minn din il-Qorti fl-erogazzjoni tal-piena tagħha.

# Deċide

Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, il-Qorti qegħda tilqa' l-appell magħmul minn Manuel GOUDER in parti u tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha fejn sabitu ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu, mill-banda l-oħra tħassar dik il-parti tas-sentenza fejn l-appellant ġie kundannat għal xahar detenzjoni u minflok, fiċ-ċirkostanzi prevalenti u riżultanti, din il-Qorti tqis li jissussistu ċ-ċirkostanzi msemmija fl-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta biex b'hekk il-Qorti tillibera lil ħati bil-kundizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sitt xhur millum.

Il-Qorti tiddikjara li ai termini tal-Artikolu 22(3) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, qabel ma emanat tali ordni, hija fissret lill-ħati bi kliem ċar, sempliċi u li jinftiehem li jekk huwa jagħmel reat ieħor matul il-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, huwa jkun jista' jingħata sentenza għar-reat oriġinali.

**Aaron M. Bugeja,**
**Imħallef**